San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 53 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Ġimgha 30 ta' Jannar 2015 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

Prezenti ghal-laqgha:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Raymond Tabone | Sindku |
| 2. | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 3. | Mario Salerno | Kunsillier |
| 4. | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 5. | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 6. | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 7. | Oliver Mallia | Kunsillier |
| 8. | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| 9. | Daniel Grima | Kunsillier |

Skuzati

| | | |
|---|---|---|
| 11 | Peter Abela | Kunsillier |
| 12 | John Bray | Kunsillier |
| 13 | Alex Bezzina | Kunsillier |
| | | |
| 14 | Rudy Dorkins | Ambaxxatur taz-zghazagh. |

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

Il-laqgha bdiet fis-1745.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u beda l-laqgha skond l-aġenda. .

1. **Sospensjoni tal-laqgha**
Billi kien mistieden is-Supretendent Martin Baylis, is-Sindku Raymond Tabone talab sospensjoni tal-laqgha halli jkun jista' jitkellem. Is-Sup. Martin Baylis qal li dejjem kellu x-xewqa li jiltaqa mall-Kunsilliera kollha. Huwa qal li jircievi hafna emejls min-naha tal-Kunsill u huma dejjem jiehdu l-azzjoni necessarja. Pero huwa kompla jispjega li jkun hemm certu kazijiet li jkun hemm xi karozzi mitluqin u bil-kollaborazzjoni mall-Kunsill ikunu jistghu jghamlu aktar xoghol biex jitnehhew dawn il-karozzi. Is-Supretendent semma wkoll li ghandna l-problema tal-iskart li jircievu hafna lmenti mill-Kunsill biex issir aktar sorveljanza. Huwa kompla jghid li bhala pulizija m'ghandhom'x il-mezzi necessarji biex iwettqu din is-sorveljanza kontinwa u kullimkien. Is-Sindku spjega li fuq dan ir-rigward hemm il-hsieb li l-Kunsill iqabbad pulizija bi hlas mill-istess Kunsill halli jghamlu dan ix-xoghol ta' sorveljanza addizzjonali. Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li ghandhom isiru lezzjonijiet jew kampanja ta' taghrif lis-sidien tal-klieb biex ma' jibqax ikollna hmieg fuq il-bankini. Is-Sup. Martin Bayliss qal li bhala pulizija ghandhom ikunu nfurmati b'kull attivita li ssir halli nevitaw inkwiet minhabba t-traffiku. Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsiet jekk f'dan id-dawl jistax jitlob ghall-aktar pulizija. Is-Sup. Martin Bayliss wiegeb li ga ghandu aktar minn distretti ohra u ghaldaqstant ma' tantx jara li din il-possibilta hija tenibli. Il-Kunsillier Oliver Mallia staqsa jekk xi had jahbat bil-karozza ma' barranin x'jigri. Is-Sup. M. Bayliss qal li r-rata tal-kriminalita fid-distrett nizlet drastikament u prezentament qieghda 7% komparat ma' distretti ohra. Is-Sup. Martin Bayliss qal li f'dak il-kaz jigi trattat bhal kwalunkwe iehor. Huwa ghalaq il-laqgha billi rringrazzja lill kulhadd.

2. **Kompliet il-laqgha fis-1816- Approvazzjoni tal-Financial Statements 2014**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser isejjah lill accountant tal-Kunsill biex taghti spjegazzjoni tal-financial statements 2014 halli wara jigu approvati mill-istess Kunsill. Tkompliet il-laqgha billi gie spjegat li fl-ahhar tas-sena 2014 il-Kunsill ghalaq bilanc posittiv ta' €6378 fuq is-sena finanzjarja 2013 (ref. pg.4). Wara li l-accountant spjegat kull *item* li kien hemm fir-rapport, staqsiet jekk hemmx xi mistoqsijiet ohtra. Mario Salerno qal li t-tipping fees mhux qed jigu kinsidrati u jitnaqqsu mill-flus li jghaddi d-dipartiment. Graziella Galea staqsiet kemm ghadd baqa ammont pendenti fuq il-PPP – kien jammonta ghall €226,181 – b'kollox fl-2014 thallsu €111,000, baqa jithallsu fit-2015 €60,000, fil- 2016 €43,000 sas-sena 2020. Issemmew ukoll li l-Kunsill ghandu zewg kazijiet pendenti – dak tal-accident tat-tfajla li wegghet waqt party f'Ta' Fraben u dak ta' mara ohra li sofriet griehi hfif waqt l-istess party. Is-Sindku talab ghall-approvazzjoni – kulhadd favur u ghaldaqstant gie approvat unanimament.

*Kunsilliera Anne Fenech qamet min mall-mejda 1821 u dahlet hames minuti wara.*
*Kunsillier Daniel Grima dahal 1825.*

3. **Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet.**
Is-Sindku Raymond Tabone ressaq ghall-approvazzjoni l-iskeda tal-hlasijiet u staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet. Wara li gew iccarati xi items li kien hemm talab ghall-approvazzjoni. Dawn gew approvati unanimament. Il-Kunsilliera Anne Fenech fil-mument tal-votazzjoni ma' kienitx mall-mejda.

4. **Approvazzjoni tal-minuti.**
Is-Sindku Raymond Tabone lli l-minuti tal-laqgħa preċedenti ġew ċirkulati minn qabel, dawn ittieħdu bħala moqrija u korretti. Il-minuti ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

5. **Punti li joħorġu mill-minuti**

***Fuljett tal-Kunsill.*** Is-Sindku Raymond Tabone qal li wasal iz-zmien li johrog fuljett iehor u talab lill Kunsilliera biex jibghatu l-artiklu tagghom sal-1 ta' Marzu.
***Bankijiet fuq il-Belvedere***. Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsiet fuq il-bankijiet li tpoggew fuq il-belvedere tal-Bypass u jekk kienx hemm xi periklu. Gie spjegat li l-bankijiet twahlu fuq in-naha ta' gewwa fejn jidhlu l-coaches tat-turisti li ga qieghdin jaghmlu uzu minnhom. Is-Sindku Raymond Tabone qal li twahlu bankijiet fejn kull stage tal-linja biex jintuzaw min dawk in-nies li jkunu qieghdin jistnennew. Dawn ukoll intlaqghu tajjeb ferm.

6. **Korrispondenza.**

***Powerboat Competition***. Is-Sindku Raymond Tabone ressaq korrispondenza li rcevejna rigward il-Powerboat competition li ser issir fis-27, 28 u 29 ta' Marzu 2015 u t-triq minn fejn Toni Bajjada sa' fejn il-Jetty ta' Bugibba ser tinghalaq minhabba din l-attivita. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar talbet biex din id-darba l-Kunsill jghamel aktar marketing u riklamar. Hija qalet ukoll li f'dawn l-attivitajiet ghandhom jintuzaw aktar l-istabbilimenti li ghandna gewwa l-lokalita taghna.
***Green MT***. Is-Sindku Raymond Tabone qal li tal-Green MT ser jibdew jigbru l-hgieg bieb bieb – darba fix-xahar,
***Bring- in- sites***. Is-Sindku qal li kontinwament qieghed isir abbuz mill-Bring-in-sites u talab lill Kunsilliera jekk jaqblux li jitnehhew l-iskips kollha u jibqa' biss tnejn f'kull bring –in- site ghall hgieg. Fuq dan kien hemm qbil unanimu pero l-Kunsilliera Graziella Galea qalet li din issir bi prova sakemm naraw jekk hadmitx is-sistema. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.
Pagamenti pendenti. Is-Sindku spjega li rcieva kont minghand in-Najju- Kuntrattur li kien jahdem f'isem il-Kunsill biex jirmonka karozzi abbandunati. Il-Kunsill qal li ghandhom jingabru aktar evidenza min naha tal-Kunsill bhal works orders li jindikaw li saru dawn ix-xogholijiet biex b'hekk ikun jista' jithallas.
***One Way Traffic***. Ircevejna talba minghand residenta fi Sqaq il-Blat biex issir one way minhabba li qieghdin jinghalqu fl-isqaq meta jkun hemm vannijiet li jigbru l-istudenti mill-iskola primarja ta' San Pawl il-Bahar. Il-Kunsill ghandu jitlob lill TM ghall din l-approvazzjoni.
Father Joe Cila – fuq korrispondenza minghand il-Kunsilliera Graziella Galea, s-Sindku Raymond Tabone qal li ghandna nsibu triq go San Pawl biex tissemma ghalih. Is-Sindku talab biex sa nhar it-tnejn li gejjin il-Kunsilliera jigu bi proposti ta' liema Triq tista' tigi msemmija ghalih.
Talba biex tiddejjaq il-bankina. Il-Kunsill ircieva korrispondenza mill-kazin tal-banda fuq proposta biex tiddejjaq il-bankina li hemm fuq quddiem l-istess binja. Kien hemm il-qbil biex din tibqa' kif inhi.
Ghaqal fid-dar ghall hajja ahjar. Ser issir laqgha fil-Kunsill ghall residenti fejn tinghata informazzjoni edukattiva lir-residenti.
Organic House – Is-Sindku Raymond Tabone qal li saret talba minghand is-Sur Mark Sant biex issir 30 mins parking bay quddiem il-hanut – ma' gietx approvata minhabba li hemm hafna traffiku f'din l-istess triq.
***KNDP u MEPA***. Il-Kunsill dahlet korrispondenza fejn gejna nfurmati mill-MEPA li ma' nistghux inkomplu bix-xoghol tal-bandli fejn tat-Thassalin minhabba li l-klabb tal-bocci mhux konformi mall-esigenzi tal-KNDP ghaliex m'hemmx access ghall nies bi bzonnijiet specjali fil-klabb. Ghaldaqstant il-Kunsill ma' inghatax permess biex jipprocedi fuq il-bini tal-bandli. Is-segretarju gie mitlub biex jikteb lill President tal-klabb halli jsiru x-xogholijiet mehtiega biex ikun konformi.
Ittra fuq l-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill ircieva ittra minghand l-avukat ta' mpjegati tal-Kunsill fejn issemmiet b'isimha fuq incident li nqala' fl-istess Kunsill. Rigward dan l-incident il-Kunsill iddecieda li tinkiteb ittra lid-dipartiment fuq dan il-kaz.
***Claims fuq karozzi***. Kellna claim fuq karozza li ingibdet mill-Kunsill minhabba l-attivita li giet organizzata fil-milied u s-sid kienet imsiefra. Billi kienet thallset claim ohra simili l-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li ghandha tithallas din ukoll. Kulhadd qabel fuq dan.
***Komunita Serba***. Is-Sindku Raymond Tabone qal li kellu laqgha ma' raprezentant tal-komunita Serbjana li jixtiequ juzaw is-sala tal-Kunsill biex jiltaqghu kull nhar ta' Sibt filghodu u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Kulhadd kien favur.

***Fireworks Festival***. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar kellha laqgha fl-MTA fuq din l-attivita u nfurmat lill Kunsill li ser isir nar tal-art fejn il-Gillieru u l-moll tal-jetty. L-MTA ser jiehdu hsieb il-palk u s-sound u l-Kunsill jiehu hsieb il-Wardens. Mandy Buhagiar qalet li ser isir loghob tradizjonali Malti bhall passju u kull dhul finanzjarju li jista' jkun hemm imur ghall community chest fund.
***Attivita fis-Sirens***. Ghandna korrispondenza li ser issir attivita fis-sirens u gejna mitlubin biex nghinu f'din l-attivita billi jinfethu x-showers u jiehdu d-dawl mill-istess lattrina minhabba li l-attivita ser issir bil-lejl. Din ser issir fil-lejl ta' bejn it-18 u 19 ta' Marzu 2015. Kulhadd qabel ma din il-proposta.
***Westend Buildings***. Dahal rapport mill-WSC li quddiem il-binja tal-Westend Buildings hemm il-culvert maqsum u li minnu qed jidhol hafna ilma tax-xita. Saret it-talba biex jissewwa dan il-culvert u ser jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill biex jaghmel dan.
***Xoghol volontarju***. Is-Sindku Raymond Tabone qal li saret talba minn habsi biex ikun jista' jghamel xoghol volontarju mall-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.Billi ga kienet tqajmet il-problema tat-transport tad-detenuti – gie konfermat li ommu lesta twasslu u terga' tiehdu lura hija.
***Arblu tal-bandiera tal-Kunsill.*** Is-Sindku Raymond Tabone qal li qieghed jipproponi li jehel arblu kbir fejn tkun tista' tittella l-bandiera tal-Kunsill f'post prominent. Kien hem mil-hsieb li jsir fuq ic-centre strip quddiem il-pompa tal-petrol kif taqbez ir-roundabout ta' Triq il-Wileg. Kulhadd qabel minbarra Anne Fenech, Graziella Galea u Daniel Grima.
***Xoghol ta' Tarmak***. Il-Kunsill gie nfurmat li ser jibda xoghol ta' tarmak fi Triq Papa Gwanni II u Triq il-Fliegu.
***Laqgha mas-sajjieda***. Is-Sindku qal li ser issir laqgha mas-sajjiedu fuq il-progett tal-Vecc fejn dalwaqt ser jibda x-xoghol fuq il-moll. Kif ikollu l-informazzjoni jigi nfurmat il-Kunsill.
***Open Gym***. Gie mgharraf li ser jibda x-xoghol fuq il-progett tal-Open Gym matul il-promenade ta' Bugibba. Dan ix-xoghol ghandu jibda fit-2 ta' Marzu 2015. MEASURE 313 - ENCOURAGE OF TOURISM ACTIVIT

7. ***Tender tat-trasport.***

Is-Sindku Raymond Tabone sejjah ghall sospensjoni tal-laqgha biex jitkellmu dawk li kienu tefghu t-tender tat-trasport tal-anzjani mid-Day Centre tal-Kunsill Lokali San Pawl. Is-Sur David Frendo spjega kemm isiru vjagii kulljum u qal li generalment dejjem qed jizdiedu l-anzjani u ghaldaqstant ikollu jghamel vjagg iehor. Ta' kull vjagg izjed jithallas l-istess rata tal-ewwel vjagg li jkun ghamel.
Is-Sindku qara l-offerta li ghamlu biex jinghata dan is-servizz:-

*18 seater - €20/trip - jekk extra trip to add €1.25 per trip*
*14 seater - €12/trip – jekk extra trip €12 + €12*
*16 seater - €35.10/trip*

Mario Salerno spjega li skond kif kitbu huma stess - gie iccarat li jekk ikun hemm it-tieni van jithallas biss €1.25 extra fuq offerta minnhom. Is-Sindku Raymond Tabone qal li gew iccarati l-punti kollha u ghaldaqstant talab lill Kunsill biex jiehu votazzjoni u tintghazel l-offerta, ghaldaqstant giet sospiza l-laqgha ghall-hames minuti .

Tkompliet il-laqgha fid- 2110. Kulhadd kien favur minbarra Mario Salerno li astjena - li jiehu t-tender James Camilleri ghax kien l-irhass offerta u peress li l-vann tieghu jiehu 18 il-persuna u jekk jghamel vjagg iehor jithallas biss €1.25 . Hekk gie spjegat li fuq perjodu ta' sena l-Kunsill jiffranka hafna flus. Il-Kunsillier Mario Salerno spjega li huwa ghandu riserva minhabba li persuni bi bzonnijiet specjali ghandhom ikollhom id-dritt li jattendu d-Day Centre u jkollhom it-trasport. Mario Salerno gie nfurmat li l-kuntrattur mghazul ghandu l-vannijiet m'ghammra bil-lifter ghall dawn in-nies.

8. ***Interventi mill-Kunsilliera.***

Mandy Buhagiar. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar staqsiet ghaliex tnehhew il-pots mill pjazza ta' Bugibba. Dawn tnehhew minhabba l-bahar li kontinwament kien qieghed joqtol l-istess pjanti. Staqsiet ukoll x'sar mit-traffic management u gie spjegat mis-Sindku li qieghdin nistennew lill Perit tal-Kunsill ghall proposti. Staqsiet ukoll jekk quddiem il-Hotel tas-Santana darba kull xahar il-Hadd filghodu jistghax isir monti. Is-Sindku qal li din il-proposta ta' minn jevalwa aktar fid-dettal u ghaldaqstant Mandy Buhagiar ghandha tmexxi din l-inizjattiva. Mandy Buhagiar staqsiet meta ser jehlu l-bike stands u x'sar mit-talba ghad

devoluzjoni tal-kmamar f'Port Ruman biex jintuzaw mill-iscouts. Hija talbet ukoll biex jinzabru s-sigar tal-palm int u sejjer ix-Xemxija. Semmiet ukoll f'hiex wasal il-progett tal-iskate park li ser isir fil-Qawra.
Mandy Buhagiar talbet lill Kunsill biex isiru l-kaxxi tal-karozzi (parking bays) fi Triq il-Bahhara.
Mario Buhagiar qal li hemm bzonn jibda l-qtugh ta' haxix kullimkien.
Sindku -Raymond Tabone qal li ser tintbghat korrispondenza lill Kunsilliera ta' kif giet proponuta l-lattrina pubblika fejn is-simenta – hdejn tal-Ghasselin.
Graziella Galea talbet biex jizdied Green Warden biex jiehu hsieb l-ambjent. Hemm bzonn tiswija fi Triq l-Awwista u Triq J. F. Grima. Qalet ukoll li hemm bzonn bozza gdida fi Triq tal-Fjuri u Triq Dezguanez.
Mario Salerno qal li saret talba biex issir kaxxa tal-qtates biex ikollhom fejn jistkennu.
Anne Fenech ikkummentat li hija hasra li l-Kunsill ma' ghandu l-ebda *say* fuq il-wardens.

9. **Aġġornament tal-laqgħa**. Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar fil-5.30pm.

Raymond Tabone MBA- Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht)
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.